

**L-Istat
tal-Unjoni 2026**

Kronoloġija

it-tieni sena fil-kariga

**Il-Kummissjoni von der Leyen
2024–2029**

L-Istat tal-Unjoni 2026

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni
1049 Brussell
IL-BELĠJU

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026

© L-Unjoni Ewropea, 2026



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>).


Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

KREDITI

Ir-ritratti kollha huma © L-Unjoni Ewropea, ħlief jekk jingħad mod ieħor.

SETTEMBRU 2025



12.9

L-Att tal-UE dwar id-*Data* jibda japplika fl-UE. Dan jagħti lill-utenti kontroll fuq id-*data* ġġenerata mill-apparati konnessi tagħhom u jżid l-aċċess għal *data* ta' kwalità għolja.



15.9

Il-Kummissjoni Ewropea tnedi l-Istrateġija Ewropea dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija biex tagħti lix-xjenziati u lir-riċerkaturi aċċess aħjar għall-faċilitajiet l-aktar avvanzati u għad-*data* ta' kwalità għolja tal-Ewropa u tteġġeg lir-riċerkaturi u lill-innovaturi tad-dinja biex "Agħżlu l-Ewropa".



17.9

B'reazzjoni għall-gwerra u s-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza, il-Kummissjoni tipproponi s-sospensjoni ta' taqsimiet speċifiċi relatati mal-kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael u tressaq miżuri restrittivi addizzjonali mmirati lejn il-Hamas, lejn ministri estremisti kif ukoll lejl abitanti tal-insenjament vjolenti.



17.9

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jadottaw Aġenda Strateġika Ġdida bejn l-UE u l-Indja.

© Adobe Stock



23.9

L-UE u l-Indoneżja jikkonkludu negozjati dwar il-Ftehim ambizzjuż ta' Sħubija Ekonomika Komprensiva bejn l-UE u l-Indoneżja, li jimmarka pass kbir 'il quddiem fir-relazzjonijiet bilaterali.



24.9

Waqf l-avveniment Il-Protezzjoni tat-Tfal fl-Era Diġitali, il-President von der Leyen tikkonferma t-tħabbira tagħha tas-SOTEU li jiġi stabbilit panel ta' esperti biex jistudja azzjoni fil-livell Ewropew għall-protezzjoni tal-minorenni online.




24.9

Il-Kummissjoni tipprovdi EUR 50 miljun addizzjonali f'għajnuna umanitarja ta' emerġenza biex tindirizza l-ħtiġijiet urġenti f'Gaza u fix-Xatt tal-Punent.



27.9

Il-President von der Leyen tippreżenta pakkett ta' Tim Ewropa ta' EUR 545 miljun biex titthaffet it-tranżizzjoni tal-Afrika lejn enerġija nadifa, bħala parti mill-kampanja "Scaling up Renewables in Africa".



30.9

Il-Kummissjoni tippreżenta Strateġija ta' Litteriżmu Finanzjarju u mudell ġdid ta' Kontijiet ta' Tfaddil u ta' Investiment. Dawn l-inizjattivi jiffurmaw parti mill-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti.



3.10

Kważi EUR 1.6 biljun f'appoġġ tal-UE ġew mobilizzati biex jgħinu lil Spanja tirkupra mill-għargħar devastanti tal-2024 f'Valenzja.



8.10

Il-Kummissjoni tniedi l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA u l-Istrateġija għall-IA fix-Xjenza biex taċċellera l-firxa tal-IA madwar l-UE.



8.10

Il-Kummissjoni tadotta l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026–2030, bl-għan li tiġġielel id-diskriminazzjoni u l-mibegħda filwaqt li tippromwovi l-ugwaljanza, il-libertà u d-diversità.



9.10

Jidħlu fis-seħħ regoli ġodda li jippermettu lin-nies u lin-negozji jibagħtu pagamenti istantanji u jittrasferixxu l-flus f'euro fi żmien sekondi.



9–10.10

Fil-Forum Global Gateway, l-UE u Tim Ewropa jniedu sensiela ta' pakketti ta' investiment fl-Afrika, fl-Asja, l-Amerka Latina u l-Karibew. B'kollox, Tim Ewropa s'issa mmobilizza aktar minn EUR 300 biljun taħt il-Global Gateway, u qabeż il-mira tiegħu sentejn qabel l-iskeda.



12.10

L-Istati Membri jibdew jintroduċu s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fil-fruntieri esterni tagħhom.



16.10

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jipproponu l-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030 biex jittejbu l-kapaċitajiet tad-difiża Ewropej, inklużi diversi proġetti ewlenin: l-Għassa tan-Naħa tal-Lvant, l-Inizjattiva Ewropea għad-Difiża kontra d-Droni, it-Tarka tal-Ajru Ewropea u t-Tarka Spazjali Ewropea.




21.10

Il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Strateġija għat-Tiġdid Ġenerazzjonali fl-Agrikoltura, bl-għan li tappoġġa lill-bdiewa żgħażaġh u tattira aktar nies lejn il-biedja.



22.10

Fl-ewwel Summit li qatt sar bejn l-UE u l-Eġittu, il-President von der Leyen u l-President Eġizzjan Abdel Fattah al-Sisi jħabbru programm ta' assistenza finanzjarja għall-Eġittu b'valur ta' EUR 4 biljun, ftehim ta' finanzjament ta' EUR 75 miljun u ftehim li jifformalizza l-assoċjazzjoni tal-Eġittu ma' Orizzont Ewropa.



23.10

L-UE tadotta d-19-il pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, li jespandi b'mod sinifikanti r-restrizzjonijiet fuq l-enerġija, il-finanzi u l-aċċess Russi għal teknoloġiji b'użu doppju.



25.10

Fid-Djalogu Globali ta' Berlin tal-2025, il-President von der Leyen tħabbar il-pjan RESourceEU, inizjattiva li għandha l-għan li tiżgura aċċess għal sorsi alternattivi ta' materja prima kritika għall-industrija Ewropea.



28.10

Il-Kummissjoni tniedi l-Alleanza tas-Sustanzi Kimiċi Kritiċi, bil-ħsieb li żżid il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur kimiku tal-Ewropa.



28.10

Il-Kummissjoni tissieħeb ma' investituri privati biex tħejji l-ħolqien ta' Fond Scale-up Europe b'diversi biljuni ta' euro biex timmobilizza l-kapital privat u tappoġġa t-tkabbir ta' scale-ups Ewropej innovattivi.



29.10

Tidħol fis-seħħ iż-Żona ta' Kummerċ Mielel Approfondita u Komprensiva aġġornata bejn l-UE u l-Ukrajna.



3.11

Waqf is-Summit Ewropew dwar l-IA fix-Xjenza f'Copenhagen, id-Danimarka, il-Kummissjoni tniedi l-iskema pilota tal-inizjattiva Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa u l-Istrateġija Ewropea għall-IA fix-Xjenza, b'finanzjament ta' EUR 107 miljun, bl-għan li tixpruna skoperti xjentifiċi trasformattivi fid-dixxiplini kollha bl-IA.



5.11

Il-Kummissjoni tadotta pakkett komprensiv tat-trasport biex taċċellera l-użu tan-network ferrovjarju ta' veloċità għolja tal-Ewropa u tistimula l-investiment fi fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għall-avjazzjoni u t-tbaħħir.



6.11

Il-Kummissjoni tadotta l-Programm ta' Ħidma tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni għall-2026, u talloka EUR 1.4 biljun biex tappoġġa lill-intraprendituri u lir-riċerkaturi tat-teknoloġija profonda u biex tagħti spinta lill-innovazzjoni.



6.11

Fil-COP30 f'Belém, il-Brażil, il-President von der Leyen tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għall-Ftehim ta' Pariġi.



10.11

L-Iżvizzera tingħaqad ma' Orizzont Ewropa, mal-Programm Ewropa Diġitali u mal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom.



12.11

Il-Kummissjoni tippreżenta t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija u l-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili biex tħeġġeġ involviment aktar b'saħħtu, tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tippromwovi demokraziji reżiljenti madwar l-UE.



12.11

Il-Kummissjoni tniedi l-Boxxla Kulturali l-ġdida għall-Ewropa, imfassla biex issawwar il-politika kulturali tal-UE u tiżgura r-rwol ċentrali tagħha fil-bini tal-identità tal-Ewropa.



18.11

Il-Kummissjoni timponi miżuri ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti liġi tal-ħadid biex tippoteġi lill-industrija fl-UE permezz ta' kwoti tariffarji speċifiċi għall-pajjiżi, applikati sa Novembru 2028.



19.11

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli jippreżentaw il-Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari biex jibnu Schengen militari li jiżgura l-moviment bla xkiel ta' truppi, tagħmir u assi militari oħra madwar l-UE.



19.11

Il-Kummissjoni tadotta l-Aġenda tal-Konsumatur 2030, pjan strateġiku biex issaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur, tippromwovi l-konsum sostenibbli u tiżgura infurzar u rimedju effettivi.



19.11

Il-Kummissjoni tiżvela omnibus diġitali biex tissimplifika r-regoli diġitali tal-UE dwar l-IA, iċ-ċibersigurtà u d-data, Strateġija għal Unjoni tad-Data biex tiġi sfruttata data ta' kwalità għolja għall-IA u l-Kartieri Ewropej tan-Negozju biex jiġu diġitalizzati t-tranżazzjonijiet tan-negozju.



20.11

Il-Kummissjoni tadotta pakkett biex issaħħaħ il-pensjonijiet supplimentari, bl-għan li tgħin liċ-ċittadini jiddiversifikaw l-introjt tal-irtirar tagħhom, tappoġġa s-sigurtà aktar tard fil-ħajja u ttipprovdi opportunitajiet għal investimenti produttivi li jappoġġaw l-ekonomija Ewropea.



20.11

Ftit qabel is-Summit tal-G20, l-UE u l-Afrika t'Isfel jiffirmaw sħubija għal Kummerċ u Investiment Nodfa.



21.11

Fis-Summit b'appell għal wegħdiet ta' donazzjonijiet Scaling up Renewables in Africa, il-President von der Leyen tenfasizza l-wegħdiet ta' madwar EUR 15.5 biljun biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-Afrika lejn enerġija nadifa, li EUR 15.1 biljun minnhom ġejjin minn Tim Ewropa. Il-kampanja tikseb ukoll impenji li se jiġġeneraw 26.8 GW ta' enerġija rinnovabbli u jwasslu l-elettriku rinnovabbli lejn 17.5 miljun unità domestika.



24-25.11

Il-President von der Leyen u António Costa, il-President tal-Kunsill Ewropew, jipparteċipaw fis-seba' Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana f'Luanda, l-Angola, li jimmarka 25 sena ta' sħubija.



27.11

Il-Kummissjoni tippreżenta Qafas Strateġiku ġdid għal Bijekonomija tal-UE Kompetittiva u Sostenibbli, li jiffoka fuq l-użu ta' riżorsi bijoloġiċi rinnovabbli.



27.11


Il-Kummissjoni tniedi l-Garanzija tal-Ħiliet, inizjattiva ewlenija tal-Unjoni tal-Ħiliet, biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi strateġiċi.



28.11

Il-Kummissjoni tniedi pjan ġdid ta' prevenzjoni, tħejjija u rispons għall-kriżijiet tas-saħħa, li jipprovdi lill-partijiet ikkonċernati b'għodod li jippermettu azzjoni koordinata matul emerġenzi tas-saħħa.

DIĊEMBRU



28.11

L-UE u s-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran iniedu l-Patt għall-Mediterran, li japprofondixxi l-kooperazzjoni u jagħmlu pass importanti lejn spazju komuni tal-Mediterran aktar stabbli, sigur, u prosperu.



1.12

Biex issaħħaħ l-interkonnettività u l-indipendenza tal-enerġija, il-Kummissjoni tagħti lil 235 proġett tal-enerġija transfruntier l-istatus ta' Proġetti ta' Interess Komuni u Proġetti ta' Interess Reċiproku.



3.12

Il-Kummissjoni tadotta l-Pjan ta' Azzjoni RESourceEU biex tiżgura l-aċċess għal materja prima kritika u tnaqqas id-dipendenza żejda tal-UE.



3.12

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli stabbilew approċċ imsaħħaħ tal-UE għas-sigurtà ekonomika.




3.12

Il-koleġiżlaturi laħqu ftehim politiku biex jaraw li jkun hemm tmiem gradwali u permanenti tal-importazzjonijiet tal-gass Russu bl-importazzjonijiet tal-LNG jiġu eliminati gradwalment sal-31 ta' Diċembru 2026 u l-gass mill-pipelines sat-30 ta' Settembru 2027.




3.12

Il-Kummissjoni tiżvela l-Aġenda tal-UE għall-Bliet, biex tgħin lill-bliet jindirizzaw kwistjonijiet lokali filwaqt li tavranza objettivi usa' tal-UE billi tiffaċilita d-djalogu, tissimplifika l-appoġġ tal-UE u żżid l-investment.



4.12

Il-Kummissjoni tiffirma memorandum ta' qbil mal-Bank Ewropew tal-Investment u mal-Fond Ewropew tal-Investment biex tappoġġa l-iżvilupp tal-gigafabbriki tal-IA.



4.12

Biex tippoteġi liċ-ċittadini u tiġġieled in-networks kriminali, il-Kummissjoni tippreżenta Strateġija ġdida tal-UE dwar id-Drogi u Pjan ta' Azzjoni kontra t-Traffikar tad-Drogi.



4.12

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità, li jiffoka fuq il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u li jibqgħu validi fil-futur filwaqt li l-ħaddiema jingħataw appoġġ u jitħarsu.



4.12

Il-Kummissjoni tadotta pakkett biex tkompli tintegra s-swieq finanzjarji tal-UE, tirrazzjonalizza s-superviżjoni u telimina l-ostakli għall-integrazzjoni fin-negozjar, fil-ġestjoni ta' wara n-negozjar u tal-assi madwar l-Istati Membri.



4.12

Il-Kummissjoni tniedi tliet opportunitajiet ġodda ta' finanzjament taħt il-Fond għall-Innovazzjoni, b'valur ta' EUR 5.2 biljun, iffinanzjati mid-dħul tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.



9.12

Il-Kummissjoni tħabbar kontrolli msafħha fuq l-ikel, l-annimali u l-prodotti tal-pjanti li jidħlu fl-UE, bl-għan li jinżammu l-oġġetti livelli ta' sikurezza tal-ikel għall-persuni li jgħixu fl-Unjoni.



10.12

Il-Kummissjoni tipproponi l-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej, biex taċċellera l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija madwar l-UE, u l-inizjattiva tal-Awtostradi tal-Enerġija, biex tipprovdi appoġġ fuq terminu qasir għal tmienja mill-aktar proġetti urġenti tal-infrastruttura tal-enerġija.




10.12

L-UE tistabbilixxi mira klimatika legalment vinkolanti biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'90 % sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u tipprovdi perkors ċar biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.



10.12

Il-Kummissjoni tippreżenta pakkett biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni ambjentali, bl-għan li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, tħaffef il-ħruġ tal-permessi għal proġetti ewlenin u tappoġġa l-kompetittività filwaqt li żżomm il-protezzjonijiet ambjentali u tas-saħħa.



15.12

L-Istati Membri tal-UE jadottaw sanzjonijiet supplimentari mmirati lejn il-flotta mistura Russa u lejn il-Belarussja, li jżidu l-pressjoni biex jittrażżan id-dħul mill-enerġija u jiġi miġġieled it-theddid ibridu.



16.12

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pakkett Awtomobilistiku biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn mobbiltà nadifa, billi tgħaqqad qafas ambizzjuż iżda prammatiku għan-newtralità klimatika u l-awtonomija strateġika ma' flessibbiltà akbar u regoli simplifikati għall-industrija.



16.12

Il-Kummissjoni tipproponi pakkett biex ittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini u ssaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-settur tas-saħħa tal-UE. Il-pakkett jinkludi l-Att dwar il-Bijoteknoloġija, regoli riveduti dwar l-apparat mediku u Pjan għall-Qlub b'Saħħithom.



16.12

Il-Kummissjoni tipproponi l-ewwel Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli li qatt sar, li għandu l-għan li jżid il-provvista tal-akkomodazzjoni u l-investiment fiha u jtejjeb l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità tajba.




16.12

Il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment iħabbru l-inizjattiva BioTechEU, li għandha l-għan li timmobilizza EUR 10 biljun f'investiment fl-2026–2027 u ttejjeb il-kompetittività tal-UE fil-bijoteknoloġija.



17.12

EUR 1.8 biljun mill-Fond għall-Modernizzazzjoni, iffinanzjat mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, jiġu żborżati mill-Kummissjoni u mill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jappoġġaw 45 proġett tal-enerġija nadifa fi 12-il Stat Membru.



17.12

Il-Kummissjoni talloka EUR 1 biljun permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża biex tagħti spinta lir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet kollaborattivi fil-qasam tad-difiża madwar l-UE.



18.12

Il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jilhqqu ftehim politiku dwar l-Istrateġija dwar l-Investiment bl-Imnut, bl-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-investituri, jagħtu s-setgħa lill-investituri fil-livell tal-konsumatur biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-investiment madwar l-UE u joħolqu opportunitajiet ġodda ta' finanzjament għan-negozji Ewropej.



22.12

L-Istati Membri jadottaw deċiżjoni li tistabbilixxi r-riżerva annwali ta' solidarjetà għall-2026, wieħed mill-komponenti ewlenin tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Ir-riżerva tinkludi l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mwiegħda minn Stati Membri oħra flimkien ma' dawk iddeżinjati mill-Kummissjoni bħala li jinsabu taħt pressjoni migratorja.

23.12

Il-Kummissjoni tiżvela pakkett ġdid ta' miżuri pilota biex titthaffef it-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija ċirkolari, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ taċ-ċirkolarità fis-settur tal-plastik.

30.12

Il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea jidħol fis-seħħ b'finanzjament ta' EUR 1.5 biljun. Għandu l-iskop li jżid il-kapaċità industrijali tad-difiża tal-UE f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Ukrajna.

1.1

Il-Bulgarija ssir il-21 Stat Membru li jadotta l-euro bħala l-munita tiegħu, u dan jimmarka stadju importanti ewleni għall-Istat Membru u l-UE.

1.1

Spanja u l-Portugall jiċċelebraw l-40 anniversarju tas-šhubija tagħhom fl-UE.

JANUAR 2026



1.1

Jidħol fis-seħħ il-Pakkett ta' Simplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni, li għandu l-għan li jnaqqas il-burokrazija għall-bdiewa u li jissimplifika l-iskemi ta' pagament u r-rekwiżiti fl-azjendi agrikoli.



8.1

L-UE u l-Gordani japprofondixxu s-sħubija tagħhom fl-ewwel summit bilaterali tagħhom li qatt sar, filwaqt li jirrieżaminaw il-progress fis-Sħubija Strateġika u Komprensiva bejn l-UE u l-Gordani, iffirmata sena qabel, u jistabbilixxu l-prioritajiet għall-futur.



9.1

Il-President von der Leyen u l-President Costa jżuru s-Sirja u mbagħad il-Libanu. Huma jiltaqgħu mal-President Sirjan Ahmed al-Sharaa f'Damasku biex jibdew kapitolu ġdid fir-relazzjonijiet bejn l-UE u s-Sirja. F'Bejrut, huma jiffukaw fuq l-appoġġ għar-riformi u l-irkupru ekonomiku u t-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża.



14.1

Il-Kummissjoni tadotta proposti biex tipprovdi lill-Ukrajna self appoġġat mill-UE ta' EUR 90 biljun għall-2026–2027 biex issaħħaħ id-difiża u żżomm il-funzjonijiet Statali essenzjali, u b'hekk issaħħaħ l-impenn sod tal-UE għas-sigurtà, ir-reżiljenza u l-perkors tal-Ukrajna lejn is-sħubija fl-UE.



17.1

L-UE u l-Mercosur jiffirmaw ftehim ta' sħubija storiku u ftehim kummerċjali interim f'Asunción, il-Paragwaj. Il-Ftehim joħloq suq ta' aktar minn 700 miljun persuna u se jiffranka lin-negozji Ewropej EUR 4 biljun f'dazji kull sena, filwaqt li jinkludi salvagwardji importanti għas-settur agroalimentari sensittiv tal-Ewropa.



20.1

Il-Kummissjoni tadotta l-Istrateġija l-għdida tal-UE Kontra r-Razziżmu għall-2026–2030, bl-għan li tiġġieled ir-razziżmu fil-forom kollha tiegħu u tibni Unjoni ta' Ugwaljanza fejn kulħadd jista' jirnexxi.




20.1

Il-Kummissjoni tipproponi Pakkett dwar iċ-Ċibersigurtà biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE għat-thedd id ċibernetiku u ibridu li qed jiżdied, inkluż Att rivedut dwar iċ-Ċibersigurtà.



21.1

Il-Kummissjoni tipproponi l-Att dwar in-Networks Diġitali, li għandu l-għan li jsaħħaħ il-konnettività fis-Suq Uniku kollu, jiffaċilita l-użu ta' teknoloġiji innovattivi, jipproteġi n-newtralità tal-internet, jissimplifika l-investiment u jtejjeb is-sigurtà u r-reżiljenza tan-network.



21.1

Il-Kummissjoni tħabbar baġit ta' EUR 1.9 biljun għall-għajnuna umanitarja għall-2026.



23.1

L-UE tibgħat 447 ġeneratur ta' emerġenza lejn l-Ukrajna biex terġa' tagħti l-enerġija lill-isptarijiet, lill-postijiet ta' kenn u lis-servizzi kritiċi, wara li l-attakki Russi jħallu aktar minn 1 miljun persuna mingħajr elettriku.



23.1

L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa jaqblu li jiffinanzjaw tim avanzat biex jistabbilixxi t-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna, biex iħejji t-triq għall-prosekuzzjoni ta' mexxejja politiċi u militari għolja għad-deliċi ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna.



27.1

F'summit fi New Delhi, l-UE u l-Indja jikkonkludu ftehim ta' kummerċ ħieles. Dan joħloq suq ta' 2 biljun persuna, l-akbar wieħed fid-dinja. Iż-żewġ naħat jikkonkludu sħubija għas-sigurtà u d-diġiż.



28.1

Il-Kummissjoni tħabbar li se talloka kważi EUR 650 miljun għal 14-il proġett transfruntier tal-infrastruttura tal-enerġija, u b'hekk issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-kompetittività. Għall-ewwel darba, il-finanzjament se jappoġġa l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u l-proġetti tal-idroġenu.



29.1

Il-Kummissjoni tippreżenta l-ewwel Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Għandha l-għan li tipprevjeni l-migrazzjoni illegali u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, tiproteġi lil dawk fil-bżonn u tattira t-talent biex tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE.



© Adobe Stock

29.1

Il-Kummissjoni tadotta l-ewwel Strateġija tal-UE dwar il-Viżi biex timmodernizza l-politika tal-UE dwar il-viżi. Hija għandha bħala skop li tfittex li ssaħħaħ is-sigurtà, tissimplifika l-proċeduri tal-ivvjaġġar, ittejjeb il-kompetittività ekonomika u tuża aħjar l-għodod diġitali.



© Adobe Stock

29.1

Il-Kummissjoni ttabbar EUR 153 miljun f'għajjuna ta' emerġenza biex tappoġġa lill-Ukrajna u lill-Moldova fost l-attakki li għaddejjin fuq l-infrastruttura tal-enerġija.



© Adobe Stock

29.1

L-UE u l-Vjetnam jaqblu li jtejbu r-relazzjonijiet tagħhom għal sħubija strateġika komprensiva.



© Adobe Stock

1.2


Jidħol fis-seħħ il-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-UE u Singapore.



© Westend61 / Getty Images

3.2

Jidħol fis-seħħ ir-Regolament REPowerEU, li għandu l-għan li jtemm b'mod permanenti l-importazzjoni tal-gass Russu u jelimina gradwalment iż-żejt Russu.



© Adobe Stock

10.2

Il-Kummissjoni tniedi Pjan ta' Azzjoni kontra l-Bullying Ċibernetiku biex tipproteġi liż-żgħażaġh online.



10.2

Il-Parlament japprova regoli ġodda dwar il-kunċett ta' pajjiż terz sikur u l-ewwel lista tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri.



11.2

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Sigurtà tad-Droni u l-Ġlieda Kontra d-Droni biex issaħħaħ il-prevenzjoni u d-detezzjoni tad-droni malizzjużi u r-rispons għalihom.



14.2

Fil-Konferenza ta' Munich dwar is-Sigurtà tal-2026, il-President von der Leyen tenfasizza li l-Ewropa trid issir aktar indipendenti u ttabbar strateġija ġdida ta' sigurtà li għandha tiġi ppreżentata aktar tard fis-sena.



14.2

L-UE u l-Kanada jiffirmaw ftehim biex kumpaniji u prodotti Kanadiżi jkunu jistgħu jipparteċipaw meta jkun hemm akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża ffinanzjat taħt SAFE, indikazzjoni tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-industriji tad-difiża tal-Ewropa u tal-Kanada.



18.2

Il-Kummissjoni tadotta strateġija biex iżżid l-appoġġ għar-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mal-Belarussja, ir-Russja u l-Ukrajna, b'enfasi fuq is-sigurtà u r-reżiljenza, l-iżvilupp ekonomiku u l-appoġġ għall-komunitajiet affettwati mill-impatt tal-invażjoni mhux provokata tal-Ukrajna mir-Russja.



24.2

Il-President von der Leyen u l-President Costa jżuru Kiev biex ifakkru erba' snin ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li jafferaw mill-ġdid l-appoġġ sod tal-UE u jenfasizzaw l-assistenza finanzjarja u militari kontinwa.



24.2

Iċ-Ċentru Ewropew għar-Reżiljenza Demokratika jibda jopera, bl-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni sabiex jiġġieled id-diżinformazzjoni u l-indhili barrani u jagħti spinta lir-reżiljenza demokratika madwar l-UE.




26.2

Il-Kummissjoni tnedi l-Faċilità EastInvest biex ittejjeb l-aċċess għas-self u l-appoġġ konsultattiv għar-reġjuni tal-UE li jmissu mal-Belarużsja, ir-Russja u l-Ukrajna. Għandha l-għan li timmobilizza mill-anqas EUR 28 biljun f'investimenti pubbliċi u privati.




26.2

Il-Kummissjoni tippreżenta regoli ġodda tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar billi tarmonizza r-reati u l-penali, issaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera u ttejjeb il-ġbir tad-data, inkluż dwar armi illeċiti prodotti bl-użu tal-istampar 3D.



26.2

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Aġenda ProtectEU dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, li ttipponi miżuri biex jiġi antiċipat it-theddid, tiġi evitata r-radikalizzazzjoni, jiġu protetti n-nies kemm online kif ukoll offline u tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali.



26.2

Il-Kummissjoni twieġeb għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Il-Vuċi Tiegħi l-Għażla Tiegħi", li tappella għal appoġġ tal-UE għal abort sikur u aċċessibbli.

MARZU



2.3

Il-President von der Leyen tniedi OceanEye biex issaħħaħ l-osservazzjoni u l-kooperazzjoni globali fejn jidħlu l-oċeani.



4.3

Il-Kummissjoni tadotta l-Att dwar l-Aċċelleratur Industrijali biex iżżid id-domanda għal prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju magħmula fl-Ewropa, issaħħaħ il-ktajjen tal-manifattura u tal-provvista, tissimplifika l-permessi u tappoġġa l-investiment u l-ħolqien tal-impjegi f'setturi strateġiċi.



4.3

Il-Kummissjoni tniedi l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE u l-Istrateġija Portwarja tal-UE, bl-għan li tagħti spinta lill-kompetittività, lid-dekarbonizzazzjoni u lis-sigurtà fis-settur marittimu.



5.3

Il-Kummissjoni tippreżenta Strateġija ġdida dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2026-2030, li tistabbilixxi miżuri biex tiġi indirizzata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, jitnaqqsu d-differenzi fil-pagi u jittejjeb l-aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għal kulħadd.




5.3

Il-Kummissjoni tadotta l-ewwel Strateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali biex tiżgura opportunitajiet ġusti bejn il-ġenerazzjonijiet u tintegra l-perspettivi taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.



5.3

Il-President von der Leyen tospita l-ewwel laqgħa tal-Bord Speċjali dwar is-Sikurezza tat-Tfal, li se jipprovdi rakkomandazzjonijiet biex it-tfal jiġu protetti aħjar online filwaqt li jiġu ppreservati l-benefiċċji tat-teknoloġiji diġitali.



5.3

Il-Parlament u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jilhqgħu ftehim politiku biex isaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel.



9.3

L-UE ssaħħaħ l-isforzi tal-protezzjoni ċivili b'reazzjoni għall-għied fl-Iran u għat-tensjonijiet li qed jiżdiedu fil-Lvant Nofsani, billi għib lura 13 000 ċittadin maqbud permezz tal-ewwel implimentazzjoni tal-kapaċitajiet tat-trasport ta' RescEU.



10.3

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Istrateġija għall-Investiment fl-Enerġija Nadifa, il-Pakkett dwar l-Enerġija taċ-Ċittadini u l-Istrateġija għal Reatturi Modulari Żgħir, bl-għan li żżid l-investiment f'soluzzjonijiet domestiċi tal-enerġija nadifa, tnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija u żżid ir-reżiljenza.




17.3

Il-Kummissjoni tiżborża EUR 189 miljun lill-Moldova taħt il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabir, biex jingħata appoġġ lir-riformi ewlenin u l-progress tal-pajjiż fi triqtu lejn is-sħubija fl-UE.



18.3

Il-Kummissjoni tippreżenta EU Inc., qafas tal-kumpaniji Ewropew fakultattiv ġdid, diġitali b'mod awtomatiku, li jintroduċi sett uniku ta' regoli korporattivi biex jagħmilha aktar faċli għan-negozji biex jibdwu, joperaw u jikbru fis-Suq Uniku kollu.



19.3

Permezz tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom tagħha, l-UE se tinvesti EUR 330 miljun biex tmexxi 'l quddiem ir-riċerka nukleari, inkluż l-enerġija mill-fużjoni u l-fissjoni nukleari, u b'hekk tappoġġa l-indipendenza enerġetika, l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.



24.3

L-UE u l-Awstralja jsaħħu s-sħubija tagħhom billi jikkonkludu negozjati dwar ftehim ta' kummerċ ħieles, u jniedu Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża u javvanzaw il-kooperazzjoni fir-riċerka.




24.3

L-UE u l-Ghana jiffirmaw Sħubija għas-Sigurtà u d-Difiża.



25.3

Il-Kummissjoni tniedi approċċ integrat u olistiku għall-ġestjoni tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ.



25.3

Fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha, l-Istati Membri jirriallokaw EUR 34.6 biljun mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021–2027 biex jappoġġaw prijoritajiet ewlenin, bħall-kompetittività, id-difiża u l-preparatezza, u l-akkomodazzjoni affordabbli.



25.3

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Programm għall-Innovazzjoni Aġili u Rapida fid-Difiża, għodda ta' finanzjament ta' EUR 115 miljun biex jiġu aċċelerati t-teknoloġiji rivoluzzjonarji tad-difiża.



30.3

Il-Kummissjoni tapprova finanzjament ta' EUR 1.5 biljun taħt il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea biex iżżid il-produzzjoni, tappoġġa lill-Ukrajna, issaħħaħ l-akkwist konġunt u tixpruna l-innovazzjoni fl-industrija tad-difiża tal-Ewropa.



30.3

Il-Kunsill jadotta regoli ġodda tal-UE li jarmonizzaw il-proċedimenti ta' insolvenza biex jittejjeb l-irkupru tal-kredituri u jiġi ssimplifikat l-investiment transfruntier.

1.4

Il-Kummissjoni tiegħu passi biex timplimenta s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ta' EUR 90 biljun, filwaqt li ttipproponi EUR 45 biljun għall-2026 u tippermetti akkwist rapidu fil-qasam tad-difiża — ibda mid-droni — flimkien mal-appoġġ baġitarju u s-salvagwardji.



7.4

Fis-Summit Saħħa Waħda, il-Kummissjoni tħabbar impenji globali ġodda dwar is-saħħa, inklużi EUR 700 miljun għall-Fond Globali għall-Għieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja.



9.4

Il-Kummissjoni tinvesti kważi EUR 400 miljun f'fellowships postdottorali taħt l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, li jappoġġaw lir-riċerkaturi li jikkontribwixxu għal riċerka mill-aktar avvanzata madwar l-Ewropa.



APRIL



13.4

Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim politiku dwar miżuri biex jiproteġu s-settur tal-azzar tal-UE mill-effetti negattivi tal-kapaċità żejda globali, u b'hekk jiproteġu l-impjiegi u r-reżiljenza tal-industrija.



15.4

Il-Kummissjoni tagħżel 57 proġett tad-difiża biex jirċievu EUR 1.07 biljun f'finanzjament taħt il-Fond Ewropew għad-Difiża, b'appoġġ għall-prijoritajiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030.



15.4

L-app Ewropea għall-verifika tal-età tal-Kummissjoni hija teknikament lesta. Din tippermetti lill-utenti jagħtu prova tal-età tagħhom b'mod sigur u anonimu meta jaċċessaw il-pjattaformi online.



15.4

L-UE u r-Renju Unit jiffirmaw ftehim biex dan tal-aħħar jerġa' jissieħeb fil-programm Erasmus+ mill-2027.



16.4

Mit-tnedija tal-Patt għall-Ħiliet fl-2020, aktar minn 10 miljun persuna bbenefikaw mill-inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet tiegħu, li appoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali permezz ta' sħubijiet bejn l-industriji u s-setturi.



17.4

Biex tавvanza l-Patt għall-Mediterran, il-Kummissjoni tniedi 21 inizjattiva biex issaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tan-Nofsinhar tal-Mediterran.



© Adobe Stock

22.4

Il-Kummissjoni tipproponi AccelerateEU, ġabra ta' miżuri biex tippoteġi lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji mill-kriżi tal-enerġija fossili filwaqt li taċċellera l-bidla lejn enerġija nadifa u domestika.



23.4

L-UE tadotta l-20 pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, li jintroduċi miżuri ġodda mmirati lejn is-setturi tal-enerġija, finanzjarji u kummerċjali u jsaħħaħ l-għodod kontra ċ-ċirkomvenzjoni.



© Adobe Stock

24.4

L-UE u l-Istati Uniti jiffirmaw sħubija strateġika dwar il-minerali kritiċi biex isaħħu l-kooperazzjoni fil-katina tal-provvista u jsaħħu r-reżiljenza u d-diversifikazzjoni.



© Maskot / Getty Images

24.4

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea jiffirmaw il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed, li jistabbilixxi inizzjattivi, miri u skedi ta' żmien konkreti biex tissaħħaħ il-kompetittività u jitlestha s-Suq Uniku sal-2027.



28.4

Il-Kummissjoni tippreżenta pjan biex il-liġijiet tal-UE jsiru aktar ċari, aktar sempliċi u infurzati aħjar, biex tippromwovi s-semplċità mit-tfassil fit-tfassil tal-liġijiet, tnaqqas il-kumplessità, tindirizza l-gold-plating u tiżgura infurzar aktar rapidu.



29.4

Il-Kummissjoni tadotta qafas temporanju ta' għajnuna mill-Istat biex tappoġġa dawk is-setturi l-aktar affettwati mill-kriżi tal-Lvant Nofsani, li jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ immirat u flessibbli għall-agrikoltura, is-sajd, it-trasport u l-industriji intensivi fl-enerġija sa tmiem l-2026.



30.4

Il-Kummissjoni tiftaħ konsultazzjoni dwar l-abbozz ta' Linji Gwida ġodda dwar Amalgamazzjonijiet tal-UE. Dan jimmarka l-aktar riforma sinifikanti fil-kontroll tal-amalgamazzjonijiet tal-UE tal-aħħar żewġ deċennji.



4-5.5

F'Yerevan, l-ewwel Summit bejn l-UE u l-Armenja jiffoka fuq l-appfondiment tal-konnettività, is-sigurtà u r-rabtiet ekonomiċi.



6.5

Il-Kummissjoni tipproponi miżuri ġodda biex tiġġieled il-faqar u ttejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità, inkluża l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar.



7.5

Il-Parlament u l-Kunsill jilhqqu ftehim proviżorju dwar l-Omnibus Diġitali dwar l-IA, li jinvolvi s-simplifikazzjoni tal-Att tal-UE dwar l-IA u l-introduzzjoni ta' projbizzjoni fuq immaġnijiet sesswali mhux kunsenswali ġġenerati mill-IA.



11.5

L-UE, il-Kanada u l-Ukrajna jospitaw fi Brussell il-Laqqha ta' Livell Għoli tal-Koalizzjoni Internazzjonali għar-Ritorn tat-Tfal Ukreni.




13.5

Il-Kummissjoni tadotta l-Inizjattiva għar-Reżiljenza tas-Saħħa Dinjija biex tippożizzjona lill-UE fuq quddiem fid-dinja fil-qasam tas-saħħa.



13.5

Il-Kummissjoni twieġeb għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li tappella għal projbizzjoni fuq it-terapija ta' konverżjoni, tirrikonoxxi l-ħsara tagħhom u tiddekrivi l-miżuri disponibbli fil-livell tal-UE.



13.5

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Pakkett dwar il-Passiġġieri biex tippermetti vjaġġar ferrovjarju transfruntier bla xkiel permezz ta' prenotazzjonijiet ta' biljett wieħed u ttejjeb id-drittijiet tal-passiġġieri fi vjaġġi sħaħ.



15.5

L-UE tingħaqad formalment mal-Ftehim Parzjali Estiż tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna u tirratifika l-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna.



19.5

Il-Kummissjoni tadotta l-Pjan ta' Azzjoni għall-Fertilizzanti biex tindirizza ż-żieda fil-prezzijiet, tiżgura l-provvista u tappoġġa lill-bdiewa.



20.5

Il-Parlament u l-Kunsill jilħqu ftehim politiku dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tariffarji tal-UE skont id-Dikjarazzjoni Konġunta bejn l-UE u l-Istati Uniti ta' Awwissu 2025. Wara l-approvazzjoni formali mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE, il-qafas daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2026.



22.5

Waqt it-tmien Summit bejn l-UE u l-Messiku, l-UE u l-Messiku jiffirmaw il-Ftehim Globali Modernizzat u l-Ftehim Kummerċjali Interim, li jtejbju l-kummerċ, l-investiment, il-kooperazzjoni diġitali, klimatika u politika bejn l-UE u l-Messiku.



27.5

Il-Kummissjoni tipproponi qafas ta' awtorizzazzjoni ġdid għas-servizzi mobbli permezz tas-satellita biex issaħħaħ ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-UE.



29.5

Il-Polonja ssir l-ewwel Stat Membru li jirċievi pagament taħt SAFE, b'valur ta' EUR 6.6 biljun. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġie żborżat total ta' EUR 12-il biljun lil Stati Membri differenti.



1.6

Il-koleġiżlaturi jaqblu dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea Komuni għar-Ritorni. Ir-regoli jinkludu r-rikonoxximent reċiprodu tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, regoli aktar b'saħħithom dwar ir-ritorni furzati u kontra l-ħrib, u l-possibbiltà li jiġu stabbiliti ċentri ta' ritorn f'pajjiżi mhux tal-UE.



3.6

Il-Kummissjoni tressaq il-Pakkett Ewropew dwar is-Sovranità Teknoloġika, inkluż l-Att dwar iċ-Ċipep 2.0, l-Att dwar il-Cloud u l-Iżvilupp tal-IA, l-Istrateġija b'Sors Miftuħ u pjan direzzjonali għad-diġitalizzazzjoni u l-IA fl-enerġija.



4.6

Il-Kunsill japprova l-proposta tal-Kummissjoni għall-ftuħ ta' negozjati mas-sħab tal-Balkani tal-Punent biex tintegrahom fl-inizjattiva tal-UE "Roam like at Home".



8.6

L-UE tiżborża kważi EUR 2.8 biljun lill-Ukrajna taħt il-Faċilità għall-Ukrajna wara t-twettiq tal-impenji ta' riforma.



10.6

Il-11-il Summit bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea jsir fi Brussell. Il-partijiet jaqblu li japprofondixxu l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà u d-difiża, is-sigurtà ekonomika, il-kummerċ, il-konnettività, iċ-ċibersigurtà u l-appoġġ għall-Ukrajna.



12.6

Il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil jibda japplika fl-UE kollha. Għall-ewwel darba, l-UE għandha qafas komprensiv dwar il-migrazzjoni u l-ażil, bi protezzjoni b'saħħitha tal-fruntieri esterni, regoli ġusti u sodi dwar l-ażil, u bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà.



15.6

L-UE tiftaħ negozjati dwar l-ewwel ġabra fil-proċessi ta' adeżjoni tal-Ukrajna u tal-Moldova. Din il-ġabra tkopri l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-kriterji ekonomiċi.



15.6

Il-Kunsill jadotta miżuri restrittivi ġodda kontra r-Russja. Dawn huma mmirati lejn il-kumpless militari-industrijali, id-dħul mill-enerġija, in-networks ta' propaganda, l-attivitajiet destabilizzanti u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-pakkett jimponi sanzjonijiet fuq 34 individwu u 47 entità.





18.6

L-ewwel rapport ta' progress dwar il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda u Suq Wieħed juri li l-istituzzjonijiet tal-UE jwettqu l-prijoritajiet ewlenin li se jixprunaw il-kompetittività tal-Ewropa u l-mexxejja jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jisfruttaw is-setgħa sħiħa tas-Suq Uniku.



24.6

Żewġ terremoti devastanti jolqtu lill-Venezwela. Fil-ġranet ta' wara, aktar minn 750 speċjalista minn 19-il pajjiż Ewropej jiġu skjerati permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili biex jagħtu appoġġ lill-operazzjonijiet ta' rispons ta' emerġenza. Diversi pajjiżi Ewropej ukoll jipprovdut kenn, ilma u apparat sanitarju f'eżempju ċar tas-solidarjetà tal-Ewropa li tħares il-ħajjiet.



24.6

Il-Kummissjoni tippromovi miżuri ġodda biex issaħħaħ l-Europol u l-Eurojust fil-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u t-terroriżmu.

24.6

Il-Kummissjoni tadotta Pakkett ta' Simplifikazzjoni tat-Taxxa biex tissimplifika l-konformità u ssaħħaħ il-kompetittività tas-Suq Uniku.

25.6

Il-Kummissjoni tiżborża l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 3.2 biljun lill-Ukrajna taħt is-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna ta' EUR 90 biljun.

26.6

Il-Kummissjoni tippromovi li testendi l-protezzjoni temporanja tan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna sa Marzu 2028, fil-kunsiderazzjoni tal-fila tal-Ukrajna li tiddefendi lilha nnfisha. B'hekk, ma għandhiex tingħata protezzjoni temporanja lil persuni ġodda li jkunu waslu jekk dawn ma jkollhomx l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet Ukrejni li jħallu 'l pajjiż.

30.6

Il-Kummissjoni tadotta pakkett finanzjarju li jistabbilixxi l-arranġamenti baġitarji li japplikaw għall-Montenegro mal-ażenji tiegħu mal-UE. Dan isegwi l-istabbiliment mill-Kunsill ta' grupp ta' ħidma biex jabbazza Trattat ta' Adeżjoni mal-Montenegro.

UNJON



1.7

Jidħlu fis-seħħ regoli ġodda għall-protezzjoni tal-industrija tal-azzar fl-UE mill-impatti dannużi tal-kapaċità żejda dinjija.

1.7

L-UE tibda tapplika dazju doganali ta' EUR 3 fuq pakketti tal-kummerċ elettroniku b'valur ta' inqas minn EUR 150, li jgħin biex jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-UE u jiżgura għażliet sikuri għall-konsumaturi.

1-2.7

Il-President von der Leyen iżżur l-Armenja u l-Ażerbajġan, filwaqt li ħabbret Pakkett ġdid ta' Paċi permezz tal-Konnettività ta' EUR 200 miljun għall-Kawkasu tan-Nofsinhar, bil-potenzjal li jimmobilizza sa EUR 2 biljun f'investiment pubbliku u privat.

3.7

Il-Kummissjoni tipproponi ħames proġetti konġunti biex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' difiża Ewropej f'ħames oqsma ta' prijetà — id-droni, id-difiża marittima, l-isparju, id-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, u ssaħħaħ ix-xaqliba tal-Lvant tal-UE.

7.7

Il-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni tal-UE biex tindirizza r-riskji u tisfrutta l-opportunitajiet ta' mudelli avvanzati tal-IA għaċ-ċibersigurtà.

13.7

Fit-tieni laqgħa tal-Grupp ta' Donaturi tal-Palestina, l-UE żżid l-appoġġ għall-Palestinjani bl-Inizjattiva ta' Tim Gaża li ġabret EUR 883.6 miljun biex tappoġġa l-azzjonijiet ta' rkupru f'Gaża.



13.7

Il-President von der Leyen tirċievi r-rapport finali tal-kopresidenti tal-Bord Speċjali dwar is-sikurezza tat-tfal online, li jenfasizza l-isfidi kritiċi li jiffaċċjaw it-tfal online u jipprovdi rakkomandazzjonijiet.



15.7

L-UE tniedi s-sħubija industrijali tad-difħa tal-Ukrajna u tiħborħa EUR 1 biljun għad-droni. Il-President von der Leyen tirċievi l-Ordni tal-Ewropa mill-President Ukren Volodymyr Zelenskyy fi Kiev.



17.7

Bil-pjan ta' Azzjoni għall-Elettrifikazzjoni u rieżami tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, il-Kummissjoni tistabbilixxi pjan biex l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent li jaħdem bl-elettriku u miżuri li jappoġġaw l-industrija tal-UE fit-tranżizzjoni nadifa u l-elettrifikazzjoni. Il-Kummissjoni tippreżenta wkoll il-proposta għal kontinġent tal-elettriku fl-UE li jibqgħu validi fil-futur.



17.7

Il-Kummissjoni tadotta is-seba' edizzjoni tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, li tivvaluta l-pożizzjoni fejn jidholl l-istat tad-dritt fl-Istati Membri, kif ukoll fl-Albanija, fil-Montenegro, fil-Maċedonja ta' Fuq u s-Serbja.



17.7

Il-Kummissjoni tiddeskrivi miżuri biex issaħħaħ is-settur bankarju tal-UE li se jsaħħu l-ekonomija tal-Ewropa, filwaqt li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja.



17.7

Il-Kummissjoni tniedi l-Alleanza għad-Droni bejn l-UE u l-Ukrajna biex issaħħaħ il-kooperazzjoni dwar it-teknoloġiji tad-droni u ta' kontra d-droni.




22.7

Il-Kummissjoni tadotta komunikazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tenfasizza tliet prijoritajiet: l-affordabbiltà, l-isfruttar tal-IA u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi.



22.7

Il-President von der Leyen tiltaqa' ma' rappreżentanti żgħażaġh tal-Bord konsultattiv taż-żgħażaġh għall-President minn madwar l-UE, kif ukoll ma' osservaturi minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali, biex jiddiskutu l-prijoritajiet politiċi futuri taż-żgħażaġh għal wara l-2027.



23.7

Il-Kummissjoni timponi multa ta' EUR 890 miljun fuq Google għall-ksur tal-Att dwar is-Swieq Diġitali.



23.7

Il-Kunsill iġedded id-deroga minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-e-Privatizza sat-3 ta' April 2028 biex jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online.



23.7

L-UE tadotta l-21 pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja, immirati lejn l-enerġija, il-finanzi, il-kummerċ u l-kumplex militari-industrijali, filwaqt li tissospendi l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-limitu massimu tal-prezz taż-żejt sa Lulju 2027 biex tiżgura li r-Russja ma tibbenefikax mis-sitwazzjoni fl-Istrett ta' Hormuz.




25.7

Hekk kif in-nirien kbar fis-selvaġġ qed jinfirxu madwar Franza u Spanja, l-Ewropa tirreaġixxi b'solidarjetà. Fil-jiem ta' wara, timijiet tat-tifi tan-nar minn 17-il pajjiż Ewropew jagħtu l-għajnuna lil dawn l-Istati Membri fiż-żoni l-aktar affettwati. Għall-ewwel darba, l-Ukrajna tipprovi assistenza lil pajjiż Ewropew ieħor taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.



30.7

Il-Ġappun jingħaqad uffiċjalment ma' Orizzont Ewropa.




30.7

L-UE tniedi sejħa għall-offerti biex tistabbilixxi sa seba' gigafabbriki tal-IA biex tagħti spinta lill-kapaċità tal-computing u tiżblokka aktar minn EUR 30 biljun f'investiment.



30.7

Il-Kummissjoni tiżborża EUR 3.47 biljun lill-Ukrajna taħt it-tieqa għad-difiża tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna. Il-fondi se jgħinu biex jirrispondu għall-ħtieġa tal-Ukrajna għal droni, missili, difiża tal-ajru u inġenji tal-ajru tal-ġlied.



30.7

Hekk kif eluf jaqsmu illegalment il-fruntiera lejn Ceuta, Spanja, il-Kummissjoni mill-ewwel toffri appoġġ lil Spanja.



© Adobe Stock



© Adobe Stock



© Adobe Stock



© Colombian Red Cross, 2026



© Adobe Stock

2.8

L-Ungerija ssir uffiċjalment Stat Membru parteċipanti fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, u tkompli ssaħħaħ il-protezzjoni tal-fondi tal-UE.

2.8

L-Uffiċċju għall-IA tal-Kummissjoni jibda jinforza r-regoli tal-Att dwar l-IA dwar l-IA bi skop ġenerali. Skont ir-regoli l-ġodda, iċ-chatbots u sistemi oħra tal-IA se jkollhom jinformat lill-utenti li qed jikkomunikaw mal-IA u mhux ma' bniedem.

4.8

Il-Kummissjoni tlesti l-passi legali finali biex tistabbilixxi l-Fond Scale-up Europe, li se jgħin l-iscale-ups Ewropej jikbru aktar malajr u jikkompetu globalment b'mira ta' EUR 5 biljun. L-għada, il-fond ilesti l-ewwel investiment tiegħu.

7.8

Il-Kummissjoni tiffirma ftehim ta' implimentazzjoni mal-konsorzju SpaceRISE biex taċċellera l-iskjerament ta' IRIS² u tespandih għal 348 satellita, filwaqt li ttejjeb il-konnettività sigura għall-gvernijiet, id-difiża u s-servizzi ta' emerġenza Ewropej.

12.8

Wara t-terremot devastanti b'qawwa ta' 7.4 li laqat lill-pajjiż, l-UE timmobilizza l-assistenza tal-protezzjoni ċivili u EUR 2.1 miljun f'finanzjament umanitarju ta' emerġenza għall-Kolombja.

24.8

Fil-Jum tal-Indipendenza tal-Ukrajna, il-Kummissjoni tapprova EUR 6.1 biljun f'akkwist pubbliku ġdid fil-qasam tad-difiża għall-Ukrajna, li jkopri sistemi ta' difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, missili, munizzjon u radars.




26.8

Hekk kif in-nirien fis-selvaġġ għadhom jinfirxu f'diversi pajjiżi Ewropej, is-solidarjetà tal-Ewropa għaddejja bis-sħiħ. Dan is-sajf biss, il-Kummissjoni diġà kkoordinat l-iskjerament ta' 777 pumpier kif ukoll ta' 41 inġenju tal-ajru bejn il-fruntieri biex tgħin lill-pajjiżi jindirizzaw in-nirien fis-selvaġġ.



31.8

L-Istati Membri jilhqqu l-iskadenza finali għall-implimentazzjoni għar-riformi u l-investimenti stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Issa għandhom sat-30 ta' Settembru 2026 biex jippreżentaw it-talbiet għall-pagament finali tagħhom taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.



31.8

Il-Kummissjoni tidentifika lil ChatGPT bħala "Magna tat-Tiftix Online Kbira Ħafna", u lil Reddit u Roblox bħala "Pjattaformi Online Kbar Ħafna", skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, wara li rrapportaw li laħqu mill-inqas 45 miljun utent medju fix-xahar fl-UE.



7.9


Il-President von der Leyen iżżur Greenland fejn intlaqgħet mill-Premier ta' Greenland Jens-Frederik Nielsen u mill-Prim Ministru Daniża Mette Frederiksen. Huma jfirmaw Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u Greenland, u l-President tħabbar Pakkett ta' Sħubija tal-Global Gateway ta' EUR 200 miljun għall-investimenti fi Greenland.

SETTEMBRU



8.9

Flimkien mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO Mark Rutte, il-President von der Leyen tilqa' l-ftehim bejn l-Istati Membri dwar id-deroga għall-Ukrajna biex tkun tista' tixtri prodotti kruċjali għas-sistema ta' difiża tal-ajru Patriot, b'parti mill-fondi jiġu mis-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna.



9.9

Il-Kummissjoni tippreżenta l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Att Ewropew għall-Innovazzjoni biex l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jappoġġaw l-innovazzjoni u l-fornituri Ewropej f'setturi kritiċi billi jiġi ssimplifikat l-akkwist, isir aktar responsabbli, u jkun jista' jsir użu aħjar mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.



9.9

L-Att dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli huwa propost mill-Kummissjoni biex jagħti lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali għodod addizzjonali biex jgħinu jtaffu l-pressjonijiet tal-akkomodazzjoni.



9.9

Il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti lil Spanja EUR 114.7 miljun bħala assistenza ta' emerġenza biex tgħinha fil-ġestjoni tas-sitwazzjoni f'Ceuta wara l-qsim illegali fuq skala kbira tal-fruntiera fit-30-31 ta' Lulju.



10.9

Il-Kummissjoni tippreżenta viżjoni strateġika ġdida għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE biex tiżgura li jkunu jistgħu jilħqu bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom, b'appoġġ aktar b'saħħtu, reżiljenza akbar u opportunitajiet aktar ġusti għan-nies tagħhom.



10.9

Il-President von der Leyen tagħmel diskors waqt is-Summit Internazzjonali dwar l-Ispazju f'Pariġi li jstabbilixxi r-rwol tal-Ewropa f'din l-era spazjali ġdida.

